



Brussell, 23 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9264/1/24
REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0051(COD)**

**CODEC 1179
DRS 44
SUSTDEV 57
COMPET 474**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d- Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-23 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 50(1) u (2)(g) u 114 TFUE.
2. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Ġunju 2023².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Lulju 2022³.
4. Fl-24 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ 6533/22 + ADD 1-7.

² ĠU C 249, 14.7.2023, p. 3.

³ ĠU C 443, 22.11.2022, p. 81.

⁴ 9220/24.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 9/24, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bil-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija u s-Slovakkja jastjenu.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
